MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 479/2001/1

**Avviz Nru:- 479/01**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Aluminium Extrusions Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija disgha u hamsin liri Maltin (Lm559) rapprezentanti import ta' sebgha (7) kambjali, wahda ta' sebgha liri Maltin (Lm7) u l-ohrajn ta' tnejn u disghin liri Maltin (Lm92) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 t'April 2001 jammontaw ghal ghaxar liri Maltin (Lm10), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta ma dehritx la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u disgha u hamsin liri Maltin (Lm559) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Mejju tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------